XGHA JRA

Minuti tal- laqgħa Nru.38 (Tmienja u Tletin) tal-Kunsill Lokali Xgħajra li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill it-Tlieta, 23 t'Ottubru , 2012 fis-6.00pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Anthony R.Valvo |
| Viċi Sindku | Azzopardi Joseph |
| Kunsilliera | Buhagiar Mario |
| | Buttigieg Antonia |
| | Decelis M Claire |
| **L-Uffiċċjali:** | |
| Is-Segretarju | Ranier Busuttil |

1. Item Nru 1 fuq l-aġenda –Kullħadd preżenti.

2. Item Nru 2 fuq l-aġenda – Qari tal-minuti ta' qabel – Il-minuti ġew moqrija w approvati. .

3. Item Nru 3 fuq l-aġenda – Matters arising mill-Minuti tal-laqgħa ta' qabel:

3.1 Is-Sindku qal li għadu kif kellem lis-CEO Mark Muscat rigward ir-riħa għaliex propju qabel bdiet il-laqgħa kien hemm riħa qawwija ta' drenaġġ. Dan hu suġġett urġenti u s-Sur Muscat rega' spjega li minn naħa tal-WSC qiegħdin jagħmlu dak kollu possibbli u li ordnaw xi materjal li wara studji li għamlu fuqu jisperaw li tiġi solvuta ħafna mill-problema tar-riħa.

Rigward il-problema tat-trasport ta' l-isludge, is-Sindku qal li għadha l-istess minkejja li qiegħdin jidħlu ta' kuljum ilmenti minħabba r-riħa li qiegħdha toħroġ minn dawn it-trakkijiet.

Ġie deċiż li l-kwistjoni tal-landscaping ma' tistax tibqa' għaddejja b'dan il-pass daqshekk bil-mod u dwar il-kwistjoni tar-riħa jekk ma jkun hemm l-ebda progress sal-laqgħa li jmiss nikkunsidraw li noħorġu xi press release għax qiegħdin nirċievu lmenti ta' kuljum.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

3.2 Kwotazzjoni għal-Accountant – Is-Sindku qal li kellna applikant wieħed u din il-ġimgħa ltqajna miegħu u deher li huwa persuna kompetenti ħafna u t'esperjenza. Is-Sur Adrian Chircop ma jaħdimx waħdu u miegħu ser ikollu assistenta li ser tippostja t-tranżazzjonijiet miegħu u meta jkun assenti huwa ser tibda tiġi hija.

Il-prezz tal-kwotazzjoni li rċevejna issa tela' drastikament u ser ikun 4 darbiet għola minn dak ta' l-accountant preċedenti. Is-Sur Paul Bugeja ma' reġgħax tefa' kwotazzjoni minħabba mpenji oħra li għandu.

Il-kwotazzjoni tas-Sur Adrian Chircop ġiet aċċettata u kien hemm qbil unanimu. Issa ser isir il-kuntratt biex niċċaraw id-dettalji.

3.3. Monitoring Committee – Il-Minuti tal-laqgħat ġew mgħoddija lill-Kunsilliera kollha bħala hard copies u l-Kunsill qiegħed jipprotesta bil-kbir li l-progress fuq il-landscaping u operational problems madwar l-impjant ma jidrhux li qiegħdin jiġu attwati.

Is-Sindku qal li fl-aħħar laqgħa tal-Monitoring Committee kellna parteċipazzjoni ta' 4 residenti mill-akwati ta' ħdejn l-impjant. Dawn kienu sodisfatti milli semgħu waqt il-laqgħa minkejja li kien hemm uħud li daħlu għall-laqgħa ftit jew wisq xettiċi.

Id-diskussjoni ffukat ħafna fuq l-irwejjaħ u speċjalment fuq il-landscaping ta' madwar l-impjant.

4. Item Nru 4 fuq l-Aġenda : Korrispondenza

4.1 Is-Sur Valvo tkellem fuq il-korrispondenza li għandu mas-Sur Charles Bonello (Segretarju Privat tal-PM li qiegħed jieħu ħsieb il-Kunsilli Lokali) fuq in-nuqqas ta' fondi tal-Kunsill kawża ta' formula żbaljata u li l-applikazzjonijiet tagħna għal fondi speċjali skond numru ta' skemi li jammontaw għal xi €200,000 ma ġewx milqugħa minħabba deċiżjoni ta' awsterita' mill-Gvern Ċentrali. Is-Sindku qal li hu bagħtlu kollox li talbu u li sal-lum għadu ma rrispondihx lura.

4.2 Is-Sindku tkellem fuq il-korrispondenza li għandu mas-Sur Chris Ciantar fejn hemm qbil li l-fencing ta' madwar il-proġett jiġi ffinanzjat parzjalment minn naħa tal-Ministeru tal-Infrastruttura. Dan l-ammont ileħħaq €3,000 imbagħad ikun jonqos €2,500 li ser jinħarġu mill-Kunsill.

5. Item Nru 5 fuq l-aġenda: L-infieq għax-xhar ta' Settembru 2012 ġie approvat.

6. Item Nru. 6 fuq l-Aġenda – Xogħol madwar ix-Xgħajra

6.1 Dwar il-progress tal-bini taċ-Ċentru Sportiv ġie spjegat li jidher li hemm xi problemi kbar bi dħul ta' ilma minn ġo l-ħitan u l-Kuntrattur ġie ordnat sabiex dan jirrangaħ. Is-Sindku spjega li l-kuntrattur għandu jieħu xi flus bilanċ mill-aħħar kont u l-kumplament tax-xogħol waqaf minħabba nuqqas ta'fondi, liema fondi kienu mistennija skond l-applikazzjoni li għandna għal Fondi Speċjali.

Il-holding walls ta' Triq il-Fortizza tal-Grazzja qedgħin isiru bħalissa minn kuntrattur ta' Trasport Malta. Is-Sindku qal li rrnexxielu jikkonvinċi lis-CEO tat-Trasport Malta sabiex jitkompla l-ħajt s'isfel nett safejn jibda l-bini. Dan il-ħajt u r-rampa ser jiswew madwar €60,000. It-terrapien li hemm fis-sit ser jitneħħa wkoll mill-istess kuntrattur.

Is-Sur Valvo qal li l-ħaxix ħażin li tela' madwar il-Greek Theatre tal-proġett u li kien hemm ilmenti fuqu issa nqata' u rridu nagħmlu crushed stones fih biex ma jibqax tiegħla. Dan il-crushed stones ser jiġi b'xejn mingħand il-kuntrattur ta' Smart City.

Is-Sindku qal li bħalissa l-urġenza hija li nlestu l-ewwel fażi tal-proġett jiġifieri l-Belveder u l-bandli. Kull ma jonqosna huwa li ssir l-entratura, r-railing tal-bandli bħala safety , jiġu nstallati l-bandli u d-dawl ta' fuqhom.

6.2 Is-Sindku tkellem fuq il-patching ta' toroq u bankini madwar ix-Xgħajra u qal li x-xogħol ser isir minn kuntrattur t'urġenza mqabbad mit-Trasport Malta u dawn ser jaħdmu fuq bażi ta' 24 siegħa u jibqgħu sejrin bix-xogħol anke bil-lejl.

XGĦAJRA

7. Item Nru. 7 fuq l-Aġenda – Affarijiet oħra

7.1 Rimi bil-barges fil-baħar – Is-Sindku qal li r-rimi bil-barges għadu jsir bejn 10 u 12-il darba kuljum u mhux qiegħed jasal fejn għandu suppost jasal. B'hekk qiegħed jagħmel ħsara kbira fil-qiegħ tal-baħar tal-kosta tax-Xgħajra. Is-Sur Valvo spjega li hu jċempel kważi kuljum lill-uffiċjal inkarigat tal-Mepa kif ukoll jibgħat email wara email liċ-Chairman u lid-Direttorat tal-Ambjent tal-Mepa. Wasalna sabiex nagħmlu press release minħabba din il-problema għaliex hemm ħafna lmenti li qiegħ il-baħar inqered.

7.2 Ġemellaġġ – L-applikazzjoni tal-ġemellaġġ mad-Dipartiment qiegħdha tiġi fformulata u Sinjorina Claire Decelis baghtet write-up u jonqos li nagħmlu r-rendikont tal-ispejjeż li nfaqna. Is-Sinj. Decelis tkellmet ukoll fuq il-progress tal-applikazzjoni tagħna fuq Youth Sports Exchange bejn Colletorto, il-Polonja, Ċipru u x-Xgħajra.

7.3 Ħarġa Kulturali - Is-Sindku ppropona li ssir ħarġa kulturali għar-residenti u kulħadd qabel. Il-ħarġa tkun tikkonsisti fi żjara f'wine factory fejn ikollna wine tasting u lecture kif dan isir, imbagħad immorru nieklu ġewwa ż-Żurrieq. Is-Sur Valvo stieden lill-Kunsilliera sabiex jattendu u tkun ħaġa sabieha li nkunu miġburin mar-residenti.

8. Item Nru 8 fuq l-Aġenda - Aġġornament

8.1 Il-Laqgħa ġiet aġġornata għat-Tlieta, 27 ta' Novembru, 2012, fis-6.00pm

, .

__________________________ ________________________

Segretarju Eżekuttiv Sindku

XGĦAJRA

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt